KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 7**

**L-Erbgħa, 6 ta' Novembru 2024**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Is-Sur Johann Borg — Kunsillier

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**
Is-Sur Jordy Brincat — Segretarju Eżekuttiv

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**07.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**07.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**07.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 05 u seduta 06)**

**07.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduti 5 u 6.

**07.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Alex Caruana, il-minuti ta' seduta 5 ġew approvati unanimament.

**07.02.03** Fuq proponiment tal-Kunsilliera Rohasia Zammit, u sekondata mill-Kunsillier Karel Zahra, il-minuti ta' seduta 6 ġew approvati unanimament.

**07.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**07.03.01** *Newsletter tal-Kunsill*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għad-design u printing tan-newsletter tal-Kunsill. L-orħos kwotazzjoni għal newsletter ta' 12-il paġna kienet dik A, li tammonta għal €630. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**07.03.02** *Rekording ta' għana dwar Birżebbuġa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li wara li saret l-attività ta' Jum Birżebbuġa ġie suġġerit li l-makjetta li ġiet interpretata dakinhar, tiġi rekordjata mill-istess kantanta u kitarristi sabiex tinżamm fil-profil tar-raħal. Il-kwotazzjoni kienet dik ta' €400. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**07.03.03** *Sessjonijiet tal-fitness għas-sena 2025*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li ntgħalbu għall-3 kwotazzjonijiet għas-sessjonijiet tal-fitness għas-sena 2025. Huwa spjega li għalkemm l-ewwel kwotazzjoni hija iktar għolja mit-tieni waħda, hemm iktar flessibilità fil-ħinijiet u kif ukoll tgħallem dak li tlabna bħala Kunsill. Il-kwotazzjoni kienet dik ta' €50 għal kull sessjoni. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**07.03.04** *Sticker signs*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal sticker signs tal-iżgombru u skart goff. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €625.40. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**07.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**07.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-attività ta' Jum Birżebbuġa kienet waħda ta' suċċess u spjega li r-rikonoxximenti u Ġieħ Jum Birżebbuġa ngħataw kif ġej:

- Rikonoxximent Atleta/Sportiv tas-Sena:

*Is-Sur Trustin Farrugia Cann*

- Rikonoxximent Impenn u Dedikazzjoni:

*Is-Sa Rita D'Amato*

- Rikonoxximent Żagħżugħ/a tas-Sena:

*Is-Sa Michela Baldacchino u s-Sa Martha Zammit*

- Rikonoxximent Anzjan/a tas-Sena

*Ma kien hemm l-ebda nominazzjoni*

- Rikonoxximent Ħidma fil-Kultura:

*The Dancing Angels u Kummissjoni tan-Nar San Pietru fil-Ktajjen*

- Rikonoxximent Ħidma fil-Volontarjat:

*Is-Sur Joseph Abdilla*

- Rikonoxximent Ħidma fl-Inklużjoni:

*Ma kien hemm l-ebda nominazzjoni*

- Rikonoxximent Joe Baldacchino Lifetime Achievement Award:

*Is-Sur Carmel Farrugia, is-Sur Emanuel Cutajar u s-Sur Joseph Farrugia*

- Ġieħ Birżebbuġa 2024:

*Is-Sur Emanuel Francalanza*

Dakinhar inżammet minuta silenzju għall-mibki *Joseph Zammit* u l-mibki *Jake Vella*, kif ukoll ingħatat tifkira lill-familjari tagħhom. Fl-istess seratà ingħata rikonoxximent liż-żagħżugħa *Ena Marie Mifsud* li s-sena l-oħra ma setgħetx tkun preżenti minħabba raġunijiet ta' saħħa.

**07.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ġew diskussi l-pjanti li ġew preparati mill-perit tal-Kunsill fuq il-junction ta' Cabo Terrace f'Ħal Far. Huwa spjega li ġew infurmati li din l-art hija privata u għalhekk ma jistgħux jiġu preżentati l-pjanti lil TM. Dan ġara billi qatt ma kien hemm informazzjoni provduta li dik l-art hija privata wara li kien ingħadda t-tarmak (min-naħa tal-Gvern) minn ġo fiha. Huwa qal li fis-seduti futuri se jsiru diskussjonijiet u jaraw pjanti aħjar. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li tkellem mal-perit u li l-unika għażla li baqa' hija aktarx sistema ta' traffic lights li tgħin fid-dħul u l-ħruġ.

**07.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kienet saret talba biex il-konsulent ambjentali tal-Kunsill jibgħat lill-ERA rigward l-irwejjaħ tal-impjant tal-ħut. L-ERA qalet li l-ilmenti naqsu drastikament u li qed tittieħed azzjoni min-naħa tagħhom meta r-riħ ikun qawwi biss. Qalet ukoll li f'dan il-perjodu kien hemm moniteraġġ tax-xogħol kollu li sar fil-fażi tal-ittestjar.

**07.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rigward Vjal Kulħadd intbagħtu l-pjanti kollha ta' Triq FM Ferretti lill-IM sabiex nirċievu l-fondi għall-proġett li hemm pjanat għal dik iż-żona. Huwa semma li hemm bżonn dikjarazzjoni ffirmata minn kull kunsillier sabiex tiġi aċċettata l-applikazzjoni.

**07.05.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li billi l-Kunsillier Johann Borg ilu ma jattendi seduti, minħabba raġunijiet ta' saħħa, hemm bżonn li numru ta' xogħlijiet li jridu jsiru relatati mad-dekastri assenjati lilu jiġu assistiti mill-kunsilliera. Il-Kunsillier Alex Caruana se jassisti fid-dekasteru tat-trasport pubbliku. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil se tassisti fis-servizzi fil-komunitajiet għall-anzjani. Il-Kunsillier Alex Caruana offra li jekk ikun hemm il-bżonn li jmur xi laqgħat dwar it-trasport pubbliku jattendi mal-Viċi Sindku Josette Busuttil. Is-Sindku Scott Camilleri flimkien mal-Kunsillier Karel Zahra se jassistu fil-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar. Il-Kunsilliera Maria Mifsud se tassisti fil-qasam tas-saħħa.

**07.05.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċieva korrispondenza mill-AKL rigward il-bus shelters ġodda li se jiġu installati ġo Birżebbuġa. Huwa ssuġġerixxa li il-Viċi Sindku

Josette Busuttil titkellem mal-AKL sabiex naraw x'qed joffru eżatt, u jekk hemmx lok ta' għażla fejn jixtieq li l-Kunsill Lokali jinstalla dawn iż-żewġ Bus Shelters provduti.

## 07.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**07.05.01** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar ir-rezoning tat-tankijiet tal-gass fil-Qajjenza. Huwa xtaq ikun jaf x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar dawn il-pjanti l-ġodda u kif se nkomplu nirrappreżentaw il-komunità dwar dan. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din il-proposta għandha tkun punt ta' diskussjoni fis-seduta li jmiss. Il-Kunsill se jaħdem mal-konsulent ambjentali sabiex jippreżenta punti dwar dawn il-pjanti lill-Awtorità tal-Ippjanar.

**07.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar meta se jitlesta x-xogħol fi Ġnien l-Indipendenza. Huwa semma wkoll li hemm bżonn ta' sistema ta' CCTV. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li x-xogħlijiet waslu f'fażi li jibdew jingħalqu. Huwa qal li fil-laqgħa li kellu nhar it-Tnejn mal-projects manager irrimarka numru ta' problemi, fosthom safety gates kif ukoll nuqqas ta' lqugħ għall-ħamrija. Rigward is-CCTV, hemm conduit mgħoddi u se ssir sistema ġdida.

**07.05.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar id-dwal taż-zebra crossing fi Triq il-Port Ħieles. Huwa semma li numru ta' residenti f'din it-triq ilmentaw dwar id-dwal taż-zebra crossing u li jixtieq jiċċekkja jekk dawn humiex se jiġu konnessi u x'inhi r-raġuni jekk le. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din ġiet diskussa ma' IM u l-kuntrattur applika għal STL.

**07.05.04** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar siġar f'Għar Ħasan. Huwa semma li hemm nuqqas ta' żbir li qed jiggrava, tant li f'xi postijiet il-bankina mhijiex aċċessibbli u għalhekk dan jista' jwassal għal xi inċident. Huwa xtaq ikun jaf jekk hemmx xi pressjoni oħra li tista' ssir min-naħa tal-Kunsill mad-dipartiment konċernat. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dawn kienu jsiru minn Ambjent Malta iżda did-darba se jipprovaw jagħmluhom il-ħaddiema tal-Kunsill.

**07.05.05** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar l-għawm tal-annimali. Huwa qal li kien ressaq diversi punti dwar dan u jixtieq li din id-diskussjoni tiġi konkluża ħalli jimxu għall-pass li jmiss. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li rigward din il-proposta jissuġġerixxi li ssir forma ta' mozzjoni għas-seduta li jmiss sabiex ikollna pjan ta' azzjoni ċar.

**07.05.06** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar is-servizz Ro-Ro mill-Freeport għal Għawdex. Huwa qal li l-Ministru tat-Trasport l-Onor. Chris Bonett kien semma li waħda mill-miżuri biex jitnaqqas it-traffiku hija dik tas-servizz tar-Ro-Ro mill-Freeport għal Għawdex. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill kienx ikkonsultat dwar din il-miżura, u jekk hemmx idea ta' kemm din se żżid vapuri ġewwa l-Freeport, u jekk dawn humiex se jiġu mogħtija parti mit-terminal l-iktar viċin ta' Wied il-Buni. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li mhuwiex infurmat b'din id-deċiżjoni u għalhekk trid issir talba fil-laqgħa tal-EMC li jmiss.

## 07.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**07.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar t'Ottubru 2024 fuq il-mejda tal-kamra.

**07.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq quddiem il-Kunsill li r-riċeviment annwali li jsir kull sena jsir nhar it-Tnejn, 23 ta' Diċembru 2024 ġewwa l-Kunsill Lokali.

**07.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li qed isir ix-xogħol sabiex jinġabru l-cards tal-barrier tal-Bajja s-Sabiħa. Il-Kunsillier Ivan Abela Grech issuġġerixxa li x-xogħol isir kollu mill-bidu. Hu se jkun qed jaħdem fuqa wara l-festi tal-Milied.

## 07.07 Korrispondenza

**07.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar se jkun qed jagħti €2,000 lill-Kunsill sabiex jgħinu fl-ispejjeż relatati m'attivitajiet u tiżjin tal-Milied. Huwa semma li dis-sena għadhom qed isiru d-diskussjonijiet mal-kuntrattur u l-għaqdiet billi dis-sena qed isiru x-xogħlijiet fit-toroq. Huwa ssuġġerixxa li nagħmlu claim fuq promozzjoni u tiżjin sabiex inħeġġu r-residenti jżejnu u jingħata rigal lil min ikollu l-isbaħ tiżjin. Ġie suġġerit li €1,500 jintefqu fit-tiżjin u €500 jingħataw rigal għal min iżejjen l-isbaħ faċċata.

**07.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet talba għall-kollaborazzjoni biex il-Kunsill jgħin fl-ispiża tas-sala tal-iskola għal reċta li se jtellgħu fis-7 u 8 ta' Diċembru. Il-flus li se jinġabru minn din ir-reċta se jmorru għall-karità. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan.

**07.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hu u l-Viċi Sindku Josette Busuttil u s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat kellhom laqgħa ma' Malta Public Transport rigward ir-rotta 80. Minn Jannar li ġej ir-rotta 80, li sservi lil Birżebbuġa, se tibda tgħaddi mill-Qajjenza wkoll. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan.

**07.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna skema marbuta mal-karnival. Din l-iskema hi SPI/SCI/8/2024 – Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2025. Fiha hemm allokati €5,000 inkluż il-VAT. L-applikazzjoni trid tasal sa nhar it-Tnejn, 2 ta' Diċembru 2024. Il-Kunsill se jkun qiegħed jorganizza attività żgħira tal-karnival fil-bidu ta' Marzu 2025 ġewwa Birżebbuġa. Aktar dettalji se jingħataw viċin id-data ta' din l-attività. Il-kunsilliera preżenti qablu li napplikaw għal din l-iskema maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

**07.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna l-ewwel stima biex titnaddaf iż-żona li tmiss ma' Triq Ta' Feliċjan, Triq il-Port Hieles u ż-żona Tal-Papa. L-istima hija ta' €32,326. Huwa semma wkoll li fil-ġnien ta' Triq Dun Ġorġ Zammit hemm ħajt baxx li qed jaqa' u huwa ta' periklu kbir. Sabiex dan jitranġa l-ispiża se tammonta għal €10,150. Il-Kunsillier Alex Caruana ma qabilx ma' dan u ssuġġerixxa li jsir hoarding minflok. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li ssir talba bil-framework agreements mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-kunsilliera preżenti qablu li dawn iż-żewġ xogħlijiet isiru permezz tal-framework li għandna mal-Public Works.

**07.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm tfajla li se tirrappreżenta lil Birżebbuġa f'Miss Malta u tixtieq tiltaqa' mal-Kunsill. Din se tiġi mistiedna tiltaqa' mal-Kunsill kwarta qabel is-seduta li jmiss ta' Diċembru.

**07.07.07** Il-Kunsillier Alex Caruana ta spjegazzjoni dwar ix-xogħlijiet li għaddejjin bħalissa. Huwa qal li kien għamel talba biex titwal Triq il-Port Ħieles ma' Triq G. Galizia u Triq in-Noqra, iżda l-Kap Eżekuttiv ta' IM qallu li din diffiċli ssir. Il-Kunsillier Alex Caruana ma qabilx miegħu. Huwa semma wkoll li f'parti minn dik iż-żona hemm PC application li jekk din tiġi approvata, parti minnha tibqa' tiegħla sa fejn hemm żona ODZ. Huwa semma wkoll li x-xogħol li qed isir bħalissa mistenni jitla' fil-pjazza fil-ġranet li ġejjin u minn hemm ikompli għal Triq Birżebbuġa, bejn Triq Santa Katerina u l-għassa tal-pulizija. Wara li jitlesta, ix-xogħol se jitkompla mill-għassa sa Triq San Patrizju. Dan l-aħħar xogħol se jinkludi interventi minn Enemalta kif ukoll xogħlijiet tad-drenaġġ. Il-Kunsill qiegħed jidħol f'konsultazzjoni mal-entitajiet konċernati biex kemm jista' jkun parti mit-triq tibqa' miftuħa.

**07.07.08** Is-Sindku Scott Camilleri preżenta sketch tad-disinn magħmul volontarjament mill-Kunsillier Alex Caruana għall-mafkar tal-mibki l-pumpier Joseph Zammit. Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa wkoll li tinżera' siġra. Il-Kunsillier Karel Zahra semma li qabel nipproċedu nitkellmu mal-familjari.

**07.07.09** Il-Kunsilliera Rohasia Zammit tkellmet dwar attivitajiet li qed taħdem fuqhom għal żmien il-Għid u l-Halloween. Hija ssuġġeriet li fl-Għid issir Easter egg hunt u fil-Halloween issir trick or treat fiż-żoni tar-residenti li jaċċettaw li jieħdu sehem. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dawn iż-żewġ attivitajiet.

**07.07.10** Il-Kunsillier Darren Mark Debono semma li kellu laqgħa ma' tal-lifeguards sabiex ikollna servizz fil-bajja. Huwa spjega li s-servizz tagħhom huwa sas-18:00. Apparti li dawn jagħmlu l-moniteraġġ minn fuq il-bajja, jagħmlu wkoll patrolling minn fuq il-baħar. Huwa spjega wkoll li dawn se jagħmlu iktar laqgħat qabel jibda s-sajf. Is-Sindku Scott Camilleri qal sabiex hekk kif ikun hemm laqgħa nattendu għaliha ħalli jkollna Birżebbuġa iktar sigura.

**07.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet**

**07.08.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni/rakkomandazzjoni.

**07.09 Quarterly Report (Jannar-Settembru 2024)**

**07.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq il-quarterly report ta' bejn Jannar u Settembru 2024, li ġie ċċirkulat minn qabel is-seduta u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri. Hawn, l-accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni dwar il-quarterly report (Jannar-Settembru 2024).

**07.09.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar ir-repairs and upkeep, fejn xtaq ikun jaf jekk hemmx raġuni li dawn ġew ogħla milli mistenni. L-accountant tal-Kunsill wieġbet li dan huwa t-total tal-manutenzjoni, partikolarment tal-berġa. Is-Sindku Scott Camilleri intervjena billi semma li l-berġa kellha ssir mill-Kunsill u wara jiġu rimborżati l-ispejjeż.

**07.09.03** Il-Kunsillier Karel Zahra rrimarka li l-FSI huwa għoli billi l-flus ma ntefqux fuq il-bandli li kellu jsir, però l-Kunsill b'hekk gwadanja iżjed minn dak maħsub.

**07.09.04** Il-Kunsillier Karel Zahra rrimarka li għad m'hemmx inkluż il-performance bonus fl-ispejjeż tal-ħaddiema amministrattivi. L-accountant tal-Kunsill wieġbet li dan se jiġi inkluż fl-aħħar quarterly tas-sena.

**07.09.05** Il-quarterly report ta' bejn Jannar u Settembru 2024 ġie approvat unanimament mill-kunsilliera preżenti.

### 07.10 Estimi Finanzjarji għas-sena 2025

**07.10.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq l-abbozz tal-estimi finanzjarji għas-sena 2025, li ġie ċċirkulat minn qabel is-seduta u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri. Hawn, l-accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni dwar l-estimi finanzjarji 2025.

**07.10.02** Il-Kunsillier Karel Zahra semma li fondi allokati għal sena hemm biss €40,000 u li dan mhux biżżejjed biex isiru proġetti li hemm pjanati. Se jsiru xi emendi hekk kif maqbul.

**07.10.03** Dawn l-estimi finanzjarji għas-sena 2025 ġew approvati unanimament mill-kunsilliera preżenti.

### 07.11 Laqgħa Annwali (estimi finanzjarji) għas-sena 2025

**07.11.01** Il-laqgħa annwali (estimi finanzjarji) għas-sena 2025 se ssir nhar l-Erbgħa, 4 ta' Diċembru 2024, fis-19:30 ġewwa l-boardroom tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa.

### 07.12 Business Plan 2024-2029

**07.12.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq l-abbozz tal-pjan ta' ħidma ta' bejn l-2024 u l-2029, li se jkun qed jimplimenta l-Kunsill. Dan ġie ċċirkulat minn qabel is-seduta u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri. Hawn is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat u l-accountant tal-Kunsill taw spjegazzjoni dwar dan il-pjan ta' ħidma.

**07.12.02** Il-Kunsillier Karel Zahra semma li l-ammont li se jiswa l-Ġnien Profs. Anton Tabone se juża l-maġġor parti tal-fondi tal-Kunsill, għalhekk ġie suġġerit li l-ammont jinżel minn €400,000 għal €150,000 li jinkludu €56,000 mill-iskema tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Dawn il-fondi se jinqasmu hekk: €45,000 flooring u l-kumplament tal-ammont jintefaq fit-tagħmir. Hawn, il-kunsilliera qablu li għandha ssir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari tal-Gvern Lokali l-Onor. Alison Zerafa Civelli. Il-Kunsillier Karel Zahra qal li jrid jiġi deċiż x'se jsir fuq l-ispiża tal-imsemmi ġnien. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li sakemm ikollna konferma uffiċjali ma jsir xejn.

**07.12.03** Dan il-pjan ta' ħidma ġie approvat unanimament mill-kunsilliera preżenti.

## 07.13 Ingaġġ għal Uffiċjal Eżekuttiv

**07.13.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ta aġġornament dwar is-sejħa għal Uffiċjal Eżekuttiv fi Skala 13. Mill-aħħar seduta ħarġet is-sejħa interna u qal li daħlet applikazzjoni waħda mill-iskrivana s-Sa Anabel Micallef. Wara li ġiet diskussa l-eliġibbiltà u l-ħidma tagħha fil-Kunsill, il-kunsilliera preżenti approvaw li s-Sa Anabel Micallef tinħatar Uffiċjal Eżekuttiv mill-1 ta' Jannar 2025.

## 07.14 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**07.14.01** Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka li għandu kunflitt t'interess f'pagament numru 36.

*Petty cash:*

**07.14.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsilliera Maria Mifsud, u sekondata mill-Viċi Sindku Josette Busuttil, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 07.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**07.15.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 4 ta' Diċembru 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 4 ta' Diċembru 2024.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |